**284. Il-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Edward Fenech Adami, jipproponi:**

Billi mhux magħruf sa issa min ikkaġuna l-mewt ta' Leonard Debono, li l-kadavru tiegħu nstab fit-30 ta' Lulju, 1980, f'Wied iċ-Ċawsli, Ħal Qormi;

u billi l-istess Leonard Debono kien jinsab miżmum fil-Kwartier Ġenerali tal-Pulizija sa ftit sigħat qabel ma nstab il-kadavru tiegħu;

u billi l-kawża tal-mewt tal-istess Leonard Debono tidher kompatibbli ma' daqqiet li huwa qala' ftit ħin qabel ma miet;

u billi l-Kummissarju tal-Pulizija ma għamel ebda dikjarazzjoni pubblika dwar kif din il-persuna arrestata spiċċat minn taħt il-kontroll tal-Pulizija u ftit ħin wara nstabet mejta;

u billi hija materja ta' importanza ġenerali u pubblika li jiġi mistħarreġ x'kienu l-aġir u r-responsabbiltajiet tal-membri tal-Korp tal-Pulizija involuti f'dan il-każ u huwa wkoll fl-interess pubbliku li jiġu stabbiliti fid-deher iċ-ċirkostanzi kollha dwar dan il-każ;

din il-Kamra tirrisolvi li twaqqaf Kumitat tagħha stess, kif maħsub fl-Artikolu 68 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, magħmul minn tliet membri min-naħa tal-Gvern, li wieħed minnhom għandu jagħmilha ta' "Chairman", u żewġ membri min-naħa tal-Oppożizzjoni biex fl-iqsar żmien possibbli jirrapportaw dwar iċ-ċirkostazi kollha tal-każ u dan indipendentement minn kull stħarriġ ieħor.

22.10.1980